Isla
Città Invicta

# Kunsill Lokali Isla

## RAPPORT AMMINISTRATTIV U TA' ĦIDMA

## JANNAR – DIĊEMBRU 2011

# Introduzzjoni

## Is-Sitt Leġislatura (2008-2012)

Ir-raba' sena ta' ħidma tal-Kunsill Lokali Isla fis-sitt leġislatura kienet bejn Jannar u Diċembru 2011.

## Laqgħat tal-Kunsill

Matul din is-sena Jannar – Dicembru 2010 saru 17 il-laqgħa tal-Kunsill (numru 43 sa' numru 56) u l-attendenza kienet hekkĠ

| Kunsillier | Laqgħat | Preżenti | Assenti | Skużati |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| Joseph Casha (Sindku) | 17 | 17 | - | - |
| Justin John Camilleri (Viċi Sindku) | 17 | 15 | - | 2 |
| Walter Ahar (Kunsillier) | 17 | 17 | - | - |
| Larry Abela (Kunsillier) | 17 | 9 | - | 8 |
| Charmaine Gerada (Kunsilliera) | 17 | 7 | - | 10 |
| Arthur Perici (Segretarju Eżekuttiv) | 17 | 17 | - | - |

# Progetti Kapitali

## Progett Propost ta' Tisbih fix-Xatt tal-Isla

Matul is-sena 2011 il-Kunsill kien involut f'diversi laqghat u tahditiet mal-*Grand Harbour Regeneration Corporation* fuq l-proposta li jitwettaq progett ta' tisbih fix-Xatt tal-Isla minn Fondi Ewropej. Dan il-progett propost huwa progett tant mistenni ghall-Lokalita' Sengleana. Il-progett ikopri firxa wiesa ta' xogholijiet mill-parkegg tal-Macina sal-Ponta tal-Isla fejn ix-xogholijiet jinkludu – Pavimentar, *Road Resurfacing, Steel Structures*, Dawl, *Landscaping* u Ghamara. Saru diversi laqghat mal-Ghaqda Dilettanti Sajjieda u Barklori dwar l-opri tal-bahar li jitpoggew fuq il-moll sabiex ikollna sistema kontrollata u organizatta wara investiment sostanzjali ta' flus f'dan il-progett. Sar qbil fuq it-tqeghid ta' opri tal-bahar u karrijiet, fejn wasalna fl-istadju li jigi ffirmat ftehim u tigi ppublikata bye law. L-applikazzjoni mal-MEPA tinzamm fi stadju avanzat kif ukoll qed jigu ppreparati t-*tender documents.* L-indikazzjonijiet juru li x-xoghol jista' jibda ghall-April 2012.

# Enerġija Sostenibbli

## Patt tas-Sindki

Wara li f'Marzu 2010 il-Kunsill approva li niffirmaw il-Patt tas-Sindki fi ħdan l-Unjoni Ewropea, lejn pjanijiet għall-enerġija sostenibbli lokali, fid-29 ta' Novembru 2011 il-Kunsill iffirma l-Patt tas-Sindki fi Brussels.

## Rapport SEAP (*Sustainable Energy Action Plan*)

F'Marzu 2011 il-Kunsill approva il-Pjan ta' Azzjoni ghal Energija Sostenibbli fuq livell lokali preparat mill-Kumpanija Dconsulta b'kollaborazzjoni ta' Europe Direct Mosta EU u Renergy Ltd. Dan ir-rapport gie sottomess lill-Unjoni Ewropea u approvat mill-Convenant of Mayors. Permezz ta' dan il-Patt il-Kunsill qed jinpenja ruħu fit-tmexxija tal-Awtorita' Lokali lejn

tnaqqis ta' iżjed minn 20% f'emissjonijiet ta' $CO_2$ sal-2020. Gew organizatti sessjoni ta' informazzjoni f'dan ir-rigward kemm ghar-residenti u kemm ghall-entitajiet kummercjali.

## Xogħol ta' Manutenzjoni:

### Ħaddiema IPSL u CWS (*Community Work Scheme*)

Xogħlijiet importanti li saru ukoll madwar il-lokalita' tagħna kien jinkludi programm ta' manutenzjoni fuq bażi regolari permezzi tal-Ħaddiema tal-IPSL assenjati mal-Kunsill flimkien ma' sitt (6) Ħaddiema mill-ETC taħt l-iskema tax-xogħol fil-komunita', liema skema qed nibbenifkaw minna għall-perjodu ta' sitt xhur sitt xhur. Dawn ix-xogħlijiet kienu jinkludu żebgħa tal-moll tul ix-Xatt, il-fanali u l-ħadid ta' madwar ix-Xatt ta' l-Isla. Inżebgħu ukoll *railings* tat-toroq u l-ħadid li nsibu fit-toroq bit-taraġ. Sar xogħol fuq tindif ta' *culverts*, tindif ta' Forti San Mikiel, sinjali tat-traffiku, bdil ta' kaptelli u manutenzjoni fit-toroq u bankini kif meħtieġ. Dawn il-ħaddiema kienu utli wkoll matul it-tindif u xogħol ta' manutenzzjoni li sar fil-Maċina għall-użu waqt il-Senglea Marittima 2011. Il-Haddiema assenjati maghna flimkien ma' oħrajn assjenati mill-IPSL wettqu numru ta' xoghol ta' manutenzzjoni u tindif generali f'Xatt Juan B Azopardo, Dawret ix-Xatt u Gnien il-Gardjola, sabiex nilqghu fostna delegazzjoni ta' 100 ruh min-Network tal-EDEN.

### Road Markings

Il-Ħaddiema taħt l-iskema CWS u dawk ta' l-IPSL wettqgħu x-xogħol ta' manutenzjoni fuq is-sinjali tat-traffiku madwar l-Isla kollha. Bl-użu ta' riżorsi ta' dawn il-ħaddiema l-Kunsill iffranka ammont konsidervoli ta' flus f'dan ir-rigward.

### *Patching*

Matul din is-sena l-Kunsill wettaq numru ta' xogħolijiet ta' patching f'diversi inhawi fl-Isla.

### *Street Lighting*

Matul is-sena nżamm numru ta' manutenzzjoni fuq id-dawl tat-Toroq fil-Lokalita'.

## Premijiet Internazzjonali:

### Aqueduct Awards

Il-Kunsill ipprezenta l-applikazzjoni tieghu ghall-Premju taht l-ewwel edizzjoni tal-Aqueduct Awards. Dan huma premju fil-qasam tat-Turizmu u Wirt Kulturali. Il-Kunsill ta' Segovia fi Spanja habbar din l-inizjattiva sabiex jirrikonoxi Municipalitajiet, Organizazzjonijiet, Entitajiet Pubblici u Privati u *Tourist Boards* fi Spanja u l-Ewropa fil-hidma taghhom fejn qed jippreservaw il-qasam kulturali u l-patrimonju taghhom ghal turizmu sostenibbli.
B'sodisfazzjon inhabbru li gejna maghzula ma' l-ewwel ghaxar finalisti, fejn f'Marzu 2012 ser tinghata prezentazzjoni f'Segovia minn kull finalist u fl-24 ta' Marzu jithabbar ir-rebbieh. L-applikazzjoni taghna kienet tiffoka fuq il-Festival Marittimu, minn fejn tlaqna sa' fejn wasalna u l-hsiebijiet taghna ghal futur b'dan l-avveniment. Aparti l-premju r-rebbieh ser jinghata l-opportunita' ta' reklamar fuq media internazzjonali u fuq il-webpage tat-Turizmu f'Segovia.

## Attivitajiet:

### Jum l-Isla

Għal Jum l-Isla nżammu dawn l-attivitajiet -

- Ħarġa u ikla għall-familja
- Attivita' ghat-Tfal
- Attivita' ghaz-Zghazagh
- Quddies ta' Radd il-Ħajr fil-Bażilika' ta' Marija Bambina u Riceviment

### Senglea Marittima

Perjodi differenti mill-istorja marittima tal-Isla ħadu l-ħajja bejn il-Ġimgħa 17 u l-Ħadd 19 ta' Ġunju 2011, waqt il-festival **Senglea Marittima** – attivita' li saret għat-tielet sena konsekuttiva mill-Kunsilli Lokali bl-għajnuna tal-Iskema Inizjattivi u Attivitajiet imħaddma mis-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika flimkien mall-Awtorità Maltija għat-Turiżmu.

Is-Segretarju Parlamentari l-Onor. Chris Said, ingħaqad mas-Sindku Joseph Casha u membri oħra tal-Kunsill Lokali biex ħabbru l-programm tal-festival ta' din is-sena li kien jinkludi attrazzjonijiet għal kulħadd u għal kull età.

Ir-rabta marittima ta' din il-belt tibqa' dejjem fuq quddiem, iżda ma jistgħux jitwarrbu elementi oħra t' importanza li sawru l-ġrajja għanja ta' l-Isla, hekk kif tinsab fil-qalba tal-Port il-Kbir u hi waħda mit-tliet ibliet.

Fost l-attrazzjonijiet ewlenin, din is-sena kien hemm parati u *drills* mill-aktar imlewna mill-gruppi Sqallin Sbandieratori Floridia u l-Gran Corteo Settecentesco li ġew minn Sirakuża. Dawn taw erba' wirjiet li kienu l-Ġimgħa fis-7 p.m. is-Sibt fil-11 a.m. u s-7.30 p.m. u l-Ħadd f'nofsinhar.

Numru ta' taħdidiet miġbura skont it-tema nżammu s-Sibt u l-Ħadd, dejjem wara nofsinhar, ġewwa l-Maċina. L-Ambaxxatur Franċiż Daniel Rondeau introduċa t-taħdidiet tas-Sibt li nżammu bejn is-2 p.m. u l-4 p.m Charles Xuereb li tkellem dwar il-konnessjonijiet Franċiżi mal-Kottoneraġ Simon Mercieca dwar l-oriġini Franċiżi tan-nomenklatura 'Isla', u Contre Amiral Bellec dwar Id-dehra tas-Salib ta' Malta fil-Qawwa Navali Franċiża.

It-taħdidiet tal-Ħadd inżammu bejn it-3 p.m u l-5 p.m. Il-kelliema kienuĠ Terrence M.P. Duggan dwar Żebgħa u Restawr fuq Barraġ Victor Wickman ittratta s-suġġett 'Għall-eżistenza u l-ħajja f' Malta – Kummerċ Marittimuġ u Joseph Abela tkellem dwar La Sengle.

Il-Historical Re-enactment Group Malta ħoloq mill-ġdid xeni ta' taqbid u l-HMS Alexander's Marine Grenadiers u l-Milizzja Maltija immarċjaw u tqabdu kontra l-Franċiżi il-Ġimgħa fis-6 p.m., u s-Sibt fid-9 a.m. u s-6 p.m. Il-Ġimgħa fit-8 p.m. kien imiss lill-Gran Mastru jagħmel id-daħla tiegħu fl-Isla permezz ta' *La Sengle e l'in Guardia.* Wara dan, fid-9 p.m., is-Senglea Drama Troupe wassal turija tal-ħajja ta' qabel, waqt, u wara t-Tieni Gwerra Dinjija fl-Isla. .

Diversi gruppi folkloristiċi taw wirjiet is-Sibt u l-Ħadd. Is- Simar Folk Group, bl-appoġġ tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, ta l-wirja tiegħu s-Sibt fis-7 p.m. Il-Grupp Folkloristiku Astra għamel dan is-Sibt fis-7 p.m. u l-Ħadd fil-11 a.m. in-Nadur Folk Group bl-appoġġ tal-Kunsill Lokali tan-Nadur ta l-wirja tiegħu fil-11 a.m.

L-element marittimu kien fl-aqwa tiegħu fil-jum tas-Sibt. Is-Sea Cadets tellgħu wirja ta' xogħolijiet dwar l-inġinerija, l-komunikazzjoni, *marines*, *catering,* tbaħħir, reklutaġġ, u l-kor tat-tnabar mid-9 a.m. sa nofsinhar (dan barra li l-Ħadd f'nofsinhar taw wirja ta' xogħol ta' iċċombar u rbit). F'nofsinhar bdiet kompetizzjoni ta' sajd mill-Blue Sea Angling u fid-9 p.m. l-Imsida Sea Scouts telqgħu minn ħdejn il-Maċina jimmarċjaw madwar it-toroq, u l-pjazez ewlenin kif ukoll ix-Xatt.

Il-Ħadd fl-10 a.m. kien hemm wirja ta' tbaħħir matul ix-Xatt mill-Birżebbuġa Yachting Clubġ fl-10.30 a.m. il-Malta Canoeing Federation organizzat tlielaq bil-kenuri u fin-nofsiegħa logħba polo 4x4 bil-kenuriġ is-Sea Cadets organizzaw tlielaq bil-kajjiki fis-1.30 p.m., waqt li fis-2.30 p.m. is-Senglea Regatta organizzaw tlielaq tal-500 metru.

Attività li ma kelliex tintilef kienet il-Konvoj ta' Vetturi Militari Maltin li saret il-Ġimgħa fid-9.30 p.m. Warajha l-Malta Command WWII taw wirjiet militari minn atturi, il-*bofors* u l-*bren gun* fl-azzjoni, u drill tal-azzarini u l-pass. *L-Isla laqg*het *ir-Raħal Mellieħi,* bl-għajnuna tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, ittellgħet is-Sibt fis-7 p.m. taħt il-mina tal-Maċina li kienet tinkludi numru ta' artiġjani u nies ta' snajja' waqt ħidmiethom, u dewqan t' ikel tradizzjonali mill-Mellieħa.

Il-Ħadd fl-10 a.m, iż-żgħażagħ tal-grupp Sengleani.Com ippreżentaw drama soċjo-storiku dwar xogħol u ħajja madwar u fil-Maċina. Fil-11 a.m artisti Sengleani u minn inħawi oħra ħadmu fuq ix-Xatt f'attività msejħa *In-Nies qalb l-Arti.*

Il-Ġimgħa filgħodu, tfal tal-iskola ittieħdu jżuru l-Maċina u mkejjen oħra madwar l-Isla. Ġewwa l-Maċina kienu qed jittellgħu diversi wirjiet prestiġġjużi ta' arti, artiġjanat, storja u awdjo-viżivi. Kienet miftuħa il-Ġimgħa mill-5 p.m. sal-11 p.m., is-Sibt mill-10 a.m. sal-10 p.m. u l-Ħadd mill-10 a.m. sat-8 p.m.

Dawk li żaruha setgħu jaraw diversi wirjiet li ttellgħu fis-swali tagħha. Fis-sular t'isfel ittellgħet wirja mis-Senglea Regattaġ Premjijiet mill-Kunsill Lokali tal-Islaġ u Projezzjoni Santa Luċija, Kerċem. Fl-ewwel sular kien hemm wirja ta' stemmi u mudelli tal-Qawwa Navali Brittanika minn Gino Zarb. Kif ukoll wirja fuq *Sulle Tracce di Escher,* il-kollezzjoni fotografika ta' xogħol t' inċiżjoni mill-Muniċpalità ta' Fara San Martino (lokalità ġemellata ma' l-Isla), il-kollezzjoni ta' Victor Wickman, il-kollezzjoni fotografika ta' l-HMS Illustrious, u esibizzjoni mill-Għaqda Sajjieda u Barklori tal-Isla. Fit-tieni sular kien hemm għall-wiri l-attività interattiva Messaġġ fi Flixkun, wirja ta' fotografija marittima minn Fotoamatori Siracusa, Galleria Bellomo b'esebiti marittimi minn Il Caicio Museum u minn Museo Marineria Cesenatico, u wirja ta' arti kollettiva minn Antoine Camilleri, Antonio Mifsud, CS Lawrence, Henry Alamango, Joan Zammit Cutajar, Mary Clare Albanozzo, Peter Vella De Fremeaux u Tano Vassallo.

Il-Ġimgħa, l-Melita Train kienet qed iddur f'tur mal-Isla mill-5 p.m. sa nofsillejl. Il-Ġimgħa wkoll fis-7.30 p.m. kien hemm teatru tat-triq fi Triq il-Vitorja, bl-isem *It-Taverna.* Is-St John's Rescue Corps taw wirjiet is-Sibt fl-10 a.m., waqt li l-banda tal-Iscouts ta' San Ġwann għamlet parata fis-6.30p.m. Parata oħra kienet dik tal-Ħadd filgħodu fil-11.30 a.m. mill-Mosta Scout Group. L-Isla Youth Council organizzaw *treasure hunt* is-Sibt f'nofsinhar waqt li fil-5 p.m. in-*nurseries* tal-futbol tal-Isla u tal-Mellieħa organizzaw turnament ta' logħob tal-futbol.

Is-Soċjetà Storika tal-Isla tellgħet il-wirja Artisti Sengleani u l-Baħar, fil-Gandlora. Din kienet miftuħa l-Ġimgħa mis-7 sal-11 p.m., is-Sibt mill-10 a.m. sas-1 p.m. u s-7 p.m. sal-11 p.m., u l-Ħadd mill-10 a.m. sas-1 p.m.

B’ għajnuna lill-Grupp Gwardjola, ATG Co. Ltd. offrew lill-pubbliku ċ-ċans li f’dawn il-jiem jiċċekkjaw saħħiethom mingħajr ħlas ġewwa Misraħ Mitrovich. Dan iċ-ċans ingħata s-Sibt mill-10 a.m. sas-1 p.m. u mill-4 p.m. sas-7 p.m., u l-Ħadd mill-10 a.m. sas-1.00 p.m. . Il-Fiat Club Malta tellgħu wirja ta’ karozzi l-Ħadd fl-4 p.m.

### Qasam Soċjali

F’Diċembru inżammet attivita’ għall-Anzjani għaż-Żmien tal-Milied, b’serata ta’ divertiment kif ukoll jitqassmu rigali. Ir-residenti anzjani li ma joħorġux mid-dar jew inkitbu fil-Kunsill, jingħataw rigali ukoll.

## Ġemellaġġi

### Gemellagg Fara San Martino u l-Isla – Gimgha Ewropea Kulturali

Il-komunita’ ta’ Fara San Martino laqghet lis-Sindku tal-belt ta’ l-Isla, Joseph Casha, akkumpanjat minn delegazzjoni ta’ 64 cittadin bejn id-9 u s-17 t’ April 2011, biex jiehdu sehem f’ *Town Twinning Citizens’ Meeting* u jkunu prezenti ghall-iffirmar tal-Gemellagg bejn iz-zewg Lokalitajiet.

**Laqgha bejn ic-Cittadini f’ Ambitu ta’ Gemellagg bejn**
**Il-bliet ta’ Fara San Martino u Isla (MALTA)**
**‘SULLE TRACCE DI ESCHER”**

Permezz tal-programm *Europe for Citizens*, l-EACEA (*the Education, Audiovisual and Culture Executive Agency*, Agenzija tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli minn programmi Ewropej fis-setturi ta’ struzzjoni, kultura u awdjovizjoni) b’ Programm Ewropew ghac-cittadini, iffinanzjat dan il-progett.

Ir-rapprezentanti tal-komunita’ Sengleana qattghet tmint’ ijiem gewwa Fara San Martino fejn ippartecipaw f’ numru ta’ attivitajiet u konferenzi mfassla sabiex insahhu r-relazzjonijiet bejn iz-zewħ komunitajiet u niffinnalizzaw il-gemellagg bl-ghan li nibnu relazzjoni dewwiema u sostenibbli.

Il-kollaborazzjoni bejn il-komunita’ ta’ Fara San Martino u dik ta’ l-Isla bdiet sa’ mill-2004 fl-okkazzjoni tal-konferenza internazzjonali “ *Identity and Difference* ” li nzammet gewwa Fara San Martino. Iz-zewgt ibliet skoprew li ghandhom wirt kulturali komuni permezz ta’ l-artist Olandiz Mauritis Cornelius Escher li matul hajtu ivvjagga u hadem fiz-zewgt ibliet, fejn bhala xhieda halla xilografiji ta’ pregji kbar.

Din il-kollaborazzjoni imbaghad kompliet tigi rinfurzata fl-2009, fejn delegazzjoni ta’ cittadini minn Fara San Martino gew gewwa l-Isla sabiex jippartecipaw fit-*Town Twinning Citizens’ Meeting* organizzat mill-Kunsill Lokali Isla. Fi tmien ta’ gimgha t’ avvenimenti, is-Sindki taz-zewg komunitajiet, flimkien ma’ erba’ Sindki ta’ komunitajiet ohra Taljani, iffirmaw dikjarazzjoni kongunta fejn sar ftehim li titkompla din il-kollaborazzjoni reciproka u jkomplu jsiru jafu izjed lill-xulxin u jaghtu hajja lill-gemellagg u kollaborazzjoni matul is-snin.

Il-progett ta' din is-sena ittratta dan il-kuntest b' involviment ta' l-organizzazjonijiet lokali fl-operat ta' socjeta civili u attiva'. Il-kontenut tal-konferenza u l-*workshops* li nzammu iffukaw fuq **ic-Cittadinanza Ewropea, Djalogu Interkulturali u Multilingwizmu, Problemi Socjali u Attivitajiet Sportivi ghal hajja ahjar fis-socjeta' u l-Inkluzjoni Socjali. It-tema ewlenija trattat il-volontarjat fis-settur ambjentali, dizabilita', sport u l-assoccjanizmu, fl-ambitu tas-sena Ewropea 2011 iddedikata lil Volontarjat.**

Ic-Cittadini Sengleani kellhom il-possibilta' li jifhmu ahjar il-lingwa taljana permezz ta' sessjonijiet innovattivi tal-lingwa taljana li jfakkar il- 150 sena anniversarju mill-Unita' ta' l-Italja.

Inzammu numru ta' attivitajiet kulturali fosthom wirja ta' talenti ta' snajja tradizzjonali sabiex tigi promossa l-kultura tal-lokalitajiet, fl-istess hin konna involuti fil-hajja ta' kuljum ta' Fara San Martino sabiex inhossuna cittadini minn dan il-post. Gie iddedikat hin sabiex inzuru c-centru tal-penzjonanti, ic-centru ta' persuni b' dizabilita' u assoccjazzjonijiet ohra inkluz ic-centru fl-edukazzjoni ambjentali. Dan il-Gemellagg ihares mhux biss lejn il-hidma bejn iz-zewħ municipalitajiet imma jrid jinvolvi lic-cittadini rispettivi sabiex jilghabu parti attiva' fi progetti futuri u jhossuhom parti mill-Ewropa.

Hija l-intenzjoni taz-zewħ municipalitajiet sabiex jahtfu l-opportunitajiet offruti mill-*Europe for* Citizens ghal progetti futuri fi hdan l-Unjoni Ewropeja. Permezz ta' *network* bejn l-ibliet gemellati qeghdin iharsu lejn l-involviment tal-komunita' u nindirizzaw progetti futuri fi hdan l-EACEA u programmi ohra iffinanzjati mill-Unjoni Ewropeja.

L-attivitajiet inzammu gewwa c-Centro Congressi tal-Hotel del Camerlengo fejn is-Sibt 16 t' April saret ic-cerimonja ufficcjali ta' l-iffirmar tal-Gemellagg bejn iz-zewg Sindki.

<u>Partecipazzjoni mill-Kunsill ta' Fara San Martino matul is-Senglea Marittima 2011</u>

Il-Municipalita ta' Fara San Martino kienet raprezentata minn 4 membri tal-Kunsill flimkien ma' 4 cittandini. Ittiehdet l-opportunita' li dawn jippartecippaw fil-Festival u jaraw l-avvenimenti li jigu organizatti. Intant inghata spazju fil-Macina fejn f'wahda mis-swali telghu esebizzjoni fuq l-artist MS Escher u informazzjoni fuq Fara San Martino. Waqt il-ftuh ufficjali tas-Senglea Marittima l-Assesore Chiara Aleva habret ufficjalment ic-cittadinaza onorarja tas-Sindku Joe Casha li kien ipprazentat b'dan kif ukoll li Triq go Fara San Martino issemiet Via Isla. Matul iz-zjara taghhom fostna iltaqghu ma' cittadini Sengleani li kienu go Fara San Martino f'April 2011 waqt it-Town Twinning Citizens' Meeting. Id-delegazzjoni ddawret mal-Isla u ttiehdu jaraw postijiet ta' interess. Waqt l-istess zjara iltaqghu mal-membri tas-sotto kumitat Gemellaggi, Progetti EU u Relazzjonijiet Internazzjonali fejn flimkien iddiskutu kif nistghu nahdmu flimien wara l-iffirmar ta' gemellagg f'April 2011. Saret zjara fl-Iskola Primarja fejn zaru xi klassijiet, il-bini tal-Iskola u iltaqghu mal-istaff, ghalliema u tfal.

<u>Żjara Ufficjali f'Malta mill-Kunsill Lokali ta' Cassino – Tishih ta' Gemellagg</u>

Il-Municipalita ta' Cassino kienet mistiedna ufficjalment mill-Kunsill Lokali Isla bejn id-29 ta' Settembru u t-3 ta' Ottubru 2011, fejn wara li gie mahtur Sindku gdid u Kunsill gdid hadna l-opportunita' sabiex nistiednuhom biex isir zjara ufficjali u fl-istess hin jinzammu diskussjonijiet sabiex jisahhah dan il-Gemellagg.

Cassino kienet raprezentata mis-Sindku Avv. Giuseppe Golini Petrarcone, il-Kunsilliera Dott. Danilo Slavucci u Francesco Evangelista u s-Segretarju Dott. Giovanni Lena. Fost id-diskussjonijiet li nzammu tkellimna fuq il-gemellagg prezenti u ressaqna suggerimenti sabiex

nibdew nahdmu fl-oqsma tal-Edukazzjoni, Turizmu, KulturaċArti, Storja, Ambjent, Konservazzjoni ta' Wirt Storiku, Sport u Zghazagh. Il-Kunsill tal-Isla wera x-xewqa li nibqghux niffukaw biss fuq it-taghlim tal-lingwi tal-Ingliz u t-Taljan ghax hu perjodu limitat ta' taghlim. Ghalhekk ghandna ninbarkaw fuq oqsma godda fejn ninvolvu lill-kommunitajiet. Shaqna fuq il-htiega li napplikaw bi shab ghall-progetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea. Wiehed jista' jikkonsidra wkoll Konferenza fejn jigu diskussi diversi temi b'gharfien wiesa' ghall-kommunita'.

Tkellimna maghhmo fuq l-esperjenza li ghaddejna matul il-progett ta' Gemellagg ma' Fara San Martino, fejn il-kommunita' taghna tghalmet hafna fuq l-istorja tal-Italja. Kein hemm qbil li bl-istorja ta' Monte Cassino u oqsma komuni ohra hemm hafna fuq hiex wiehed jista' jahdem. It-tema tal-kultura u storja hija ferm relevanti ghaz-zewg lokalitajiet. Wiehed jista' jikkonsidra wkoll hidma bejn l-NGOs tal-Isla u ta' Cassino.

Is-Sindku Avv. Petrarcone emfaziza fuq kemm huma validi l-aspett kulturali u dak tal-istorja. Tkellem fuq opportunitajiet fl-Universita' u s-Settur Industrijali u Kummercjali. Hawnhekk tqajmet il-possibilita' ta' Work Placements (Interships).

Id-delegazzjoni minn Cassino stqarret li hemm hafna fuq hiex nahdmu u qed iharsu l-quddiem ghat-tishih ta' dan il-Gemellagg.

## Edukazzjoni

Matul is-sena skolastika inżammu diversi laqgħat mal-Kap ta' l-iSkola fejn rajna kif nistgħu naħdmu flimkien fil-qasam edukattiv u sportiv. Saru diversi diskussjonijiet bil-ghan li jigi mfassal programm fuq bazi lokali u dak ewropew. Il-Pjan ghadu jitfassal fuq numru ta' snin fejn nibdew mill-livell baziku u nittrataw temi fosthom – etika, kultura u ambjent b'involviment tal-iskola, ghaqdiet fil-lokal u genituri. Aparti sessjonijiet ta' informazzjoni ghandna ninkludu sessjonijiet prattici. L-iskop ewlieni hu li noghlu l-livell kulturali u edukattiv. Intlahaq qbil li l-iskola taghna taghmel E-Twinning mal-iskejjel ta' Fara San Martino u Cassino, fejn bhalissa ghaddejin fl-ahhar diskussjonijiet biex dan isehh. Dan ghandu jwassal sabiex l-ghalliema tal-iskejjel rispettivi jiddiskutu flimkien l-operat taghhom u jwasslu sabiex japplikaw ghall-Fondi Edukattivi ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea.

## Amministrazzjoni:

### Djarju 2012

Għall-hames sena konsekuttiva l-Kunsill ser jippublika il-hames edizzjoni tad-Djarju u Direttorju għas-sena 2012. Il-kummenti tal-ħarġiet li gew ippublikati nkoraġġawna sabiex nippubblikaw din il-hames edizzjoni b'informazzjoni fuq il-ħidma tal-Kunsill u artikli oħra. Għal darb' ohra ser ninkludu informazzjoni bl-ingliż għall-benefiċċju tar-residenti barranin fl-Isla kif ukoll għal dawk li jżuruna.

### Korsijiet tal-Kompjuters

Wara l-ftuħ taċ-Ċentru ta' Taħriġ u Tgħalim tal-Kompjuters, il-Kunsill kompla jorganizza numru ta' korsijiet.

Matul is-sena 2010 inżammu numru ta' korsijiet fosthom Korsijiet fit-tgħalim tal-kompjuters fil-livell bażiku u intermedjarju taht l-iskema *ICT for all.*

Diġa' bdew id-diskussjonijiet sabiex għas-Sena 2012 jinżammu numru ta' korsijiet tal-kompjuter.

Dan iċ-ċentru jservi wkoll għal riċerka fuq l-internet għall-beneifiċċju tal-komunita'.

**Librerija Pubblika**

Fl-2011 ibbenefikajna minn € 466 għall-infiq ta' kotba u materjal iehor ghall-Librerija. B' hekk stajna nixtru kotba ġodda u addatati għall-komunita' kollha. Inxtraw ukoll numru ta' *Bean Bags.* Nappellaw lir-residenti sabiex jaghmlu aktar uzu mis-servizzi tal-Librerija.

**Website tal-Kunsill**

Dan is-sit qed jigi aggornat fuq bazi regolari ghall-informazzjoni ghac-cittadini. Nappellaw li ċ-ċittadini jagħmlu użu min din il-website kif ukoll is-sit www.lc.gov.mt

## Proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea

***Progetti ghaddejin***

***GET TO KNOW – Programm li qed jithaddem taht il-Programm tal-Europe for Citizens' mill-Municipalita' ta' Zarasai fil-Litwanja bi shab minn Mottafollone fl-Italja, Zdunska Wola mill-Polonja, Ballan-Mire minn Franza u Isla minn Malta***

**1. Deskrizzjoni qasira tal-proġett, inklużi l-għanijiet tiegħu.**

Rappreżentanti minn ħames pajjiżi (*network* Imsieħba) ltaqgħu u iddiskutew ftehim fuq temi interkulturali, l-iskoperta ta' kuntatti u l-iżvilupp ta' komunikazzjoni fis-settur tal-promozzjoni 2) li jiġu organizzati *seminars* għall-parteċipanti f' Zarasai ġewwa l-Litwanja bejn 3-4 żjarat f' destinazzjonijiet ta' turiżmu kulturali b' ħarsa lejn tradizzjonijiet antiki, fosthom dawk kulinari, tradizzjonijiet tal-ħajja fl-ilma, arkeoloġija u oħrajn 3) biex jiġi mħejji pjan għal aktar żvilupp fis-settur tat-turiżmu flimkien ma' tfassil ta' pjan ta' ko-operazzjoni, (ibbażat fuq l-iżvilupp ta' promozzjoni taħt il-Programm tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċittadini 2012 ) biex tipprepara pjan preliminari għal *network* fost l-imsieħba għall-ko-operazzjoni fil-qasam tat-turiżmu. Bejn it-13 u s-17 t' Ottubru 2011 rappreżentanti mill-ħames pajjiżi sieħba fil-proġett flimkien ma' professjonisti fil-qasam tat-turiżmu ltaqgħu f' Zarasai għal taħriġ ta' tlett ijiem u tfassil ta' ko-operazzjoni futura għat-turiżmu kulturali. Bħala konklużjoni ġew ippreparati żewġ dokumenti ewlenin: pjan ta' ko-operazzjoni fil-qasam turistiku bejn l-2012-2013 u l-promozzjoni tat-turiżmu fid-dawl ta' proposti għall-fondi taħt programmi tal-Unjoni Ewropea.

**2. Konferenza - It-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika reġjonali Ewropea b' ħarsa lejn l-iżvilupp turistiku fosthom rekreazzjoni, avvenimenti u riġenerazzjoni.** L-għan tal-konferenza kien li jissaħħu r-rabtiet taċ-ċittadini bejn il-ħames imsieħba f' dan il-proġett permezz ta' ftehim kulturali u l-prinċipji tad-djalogu interkulturali. It-tfassil tal-konferenza 1) ġiet organizzata laqgħa għall-politiċi u pjanifikaturi strateġiċi minn ħames pajjiżi msieħba 2) inżammet konferenza ta' jumejn fost l-imsieħba ta' *network* għall-preparazzjoni ta' strateġija għall-iżvilupp tat-turiżmu kulturali 3) żjara għall-parteċipanti tal-konferenza għall-akbar avveniment li jinżamm fix-Xitwa fil-Litwanja – tiġrijiet taż-żwiemel tat-trott "*Sartai 2012*" – eżempju ċar ta' turiżmu kulturali 4) ippreparaw u iffirmaw ftehim ta' ko-operazzjoni futura. Fl-2012 bejn l-1-6 ta Frar, politiċi u professjonisti fl-ippjanar strateġiku mill-ħames pajjiżi imsieħba ser jiltaqgħu f' Zarasai, fejn ser tinżamm konferenza ta' jumejn u jiġu organizzati

żjarat għal avvenimenti fil-qasam tat-turiżmu kulturali – fosthom it-tiġrijiet internazzjonali taż-żwiemel tat-trott li tagħmel parti mill-Patrimonju Nazzjonali, Fiera tal-Wirt Nazzjonali, attivitajiet tax-Xitwa, programm ta' kunċert tradizzjonali kulturali, diskussjonijiet fi gruppi bejn politiċi u l-pjanifikaturi. Il-parteċipanti ser janalizzaw kontenut tad-dokumenti li kienu ppreparati fl-ewwel avveniment li inżamm fl-2011 kif ukoll tapprova l-skeda ta' l-implimentazzjoni tiegħu u tħejji linji gwida ġenerali li jippromwovu ftehim kulturali bejn iċ-ċittadini tal-pajjiżi msieħba.

**3. Logħba Interattiva. Bliet Futuri - Il-kontribuzzjoni taċ-Ċittadini Ewropej għall-ħolqien ta' kreattivita b' ħarsa lejn żvilupp ta' turiżmu kulturali u l-immaġni tal-ibliet.** L-għan tal-laqgħa hi li jissaħħu r-rabtiet taż-żewġt issieħba ġodda - Zarasai (Litwanja) u l-Isla (Malta) permezz ta' komunikazzjoni u djalogu kulturali, qsim ta' għarfien u esperjenzi. 2) torganizza logħba interattiva fuq jumejn bit-tema "Bliet Futuri" (ibbażata fuq il-metodu tal- *British Council*) li twassal għall-dehra kreattiva taż-żewġt ibliet u d-determinazzjoni ta' possibbiltajiet ta' żvilupp kulturali fis-settur tat-turiżmu għall-ħolqien t' immaġini fil-ġejjieni 3) torganizza żjara għall-parteċipanti tal-konferenza għal waħda mill-akbar manifestazzjonijiet eżistenti fit-turiżmu kulturali – Senglea Marittima 2012 4) sabiex tittella' wirja dwar il-belt ta' Zarasai fil-jiem ta' l-avveniment kulturali, 5) biex tipprepara pjan t' azzjoni għall-koperazzjoni futura bejn Zarasai u Isla. Fl-2012 fl-Isla se jiltaqgħu rappreżentanti miż-żewġ muniċipilitajiet, impjegati, politiċi, kapijiet t' organizzazzjonijiet (mill-qasam kulturali u dak turistiku), rappreżentanti t' istituzzjonijiet governattivi u mhux governattivi miż-żewġt ibliet, fejn ser issir logħba interattiva, imqassma fuq Bliet Futuri (parti I) u possibbiltajiet ta' żvilupp fit-turiżmu kulturali b' amplifikazzjoni futura (parti II), organizzata żjara lejn is-Senglea Marittima 2012. Matul dawn il-laqgħat il-parteċipanti ser ikunu qed jaħdmu fi gruppi fil-mira li jħejju pjan t' azzjoni għall-Bliet Futuri (Zarasai u Isla) bl-użu tat-turiżmu kulturali u l-linji gwida għall-pjan ta' ko-operazzjoni fit-tul bejn iż-żewġt ibliet.

**4. *European Youth Forum* - kamp tas-sajf. Iż-Żgħżagħ Ewropej: l-libertà li jiksbu l-għarfien kulturali, l-identità nazzjonali jew id-djalogu kulturali:** L-għan tal-laqgħa hi li tippromwovi l-interess tal-ħames pajjiżi imsieħba fin-*network* permezz ta' ċittadini żgħażagħ b' ħarsa lejn kulturi, tradizzjonijiet u innovazzjonijiet fl-isfera kulturali. 1) biex jippermettu liż-żgħażagħ bejn l-imsieħba biex isiru jafu kulturi ġodda, li jintroduċu t-tradizzjonijiet kulturali tagħhom stess u x-xejriet kulturali ġodda għall-parteċipanti l-oħra 2) li tiżgura l-parteċipazzjoni ta' gruppi ta' żfin taż-żgħażagħ (mistednin u lokali) waqt l-avveniment kulturali ġewwa Zarasai 3) li jorganizza diskussjonijiet għaż-żgħażagħ fuq l-għarfien kulturali, l-innovazzjonijiet fuq l-aspetti kulturali u biex isiru familjari mad-dokumenti mħejjija mit-tliet gruppi l-oħra 4) biex tħejji lista ta' suġġerimenti u proposti lill-politikanti dwar id-dokumenti tagħhom 5) li jorganizzaw taħriġ għall-gruppi ta' żfin, diskussjonijiet, lezzjonijiet taż-żfin u l-lingwaġġ 6) biex jiżguraw il-parteċipazzjoni ta' mistednin żgħażagħ u gruppi ta' żfin lokali f' Zarasai waqt l-avveniment "Zarasams-506" - programm artistiku 7) li jorganizza għall-parteċipanti ta' dan l-avveniment żjara *auto race* internazzjonali "300 *Lakes Rally*" li jsir f' Zarasai Bejn id-9 u s-16 ta' Awissu 2012 jiltaqgħu mitt parteċipant żagħżugħ ta' bejn 16 u 36 sena f' Zarasai biex jipparteċipaw f' kamp tas-sajf fuq l-edukazzjoni kreattiva. Dan ser ikun organizzat f' wieħed mill-aktar postijiet kulturali sabiħ ġewwa l-Litwanja. Huwa ppjanat li fil-kamp ta' sebat ijiem jipparteċipaw aktar minn 140 żagħżugħ minn Zarasai. Iż-żgħażagħ kollha ser jiġu maqgħuda mill-interess komuni tagħhom għall-kreattivita u l-kultura. Għalhekk ser titrawwem għarfien ta' kulturi differenti. Matul il-kamp kreattiv se tkun qed taħdem mhux biss taħriġ, diskussjonijiet, preżentazzjonijiet ta' kulturi, imma wkoll komunikazzjoni, ko-operazzjoni, *networking* u l-qsim t' esperjenzi bejn il-maniġers u jew l-għalliema ta' gruppi ta' żfin żgħażagħ. Professjonisti fil-qasam Kulturali ser ikunu qed jaħdmu fuq l-inizjattiva għall-proġetti kulturali ġodda. Iż-żgħażagħ ser ikollhom opportunità unika u mill-isbaħ li jaraw manifestazzjonijiet kulturali tradizzjonali tal-Litwanja matul l-avveniment kulturali ta' Zarasai u biex jippreżentaw aspetti tradizzjonali tal-kultura tagħhom (permezz ta' żfin u

aktar). It-tieni xejra ta’ dan il-kamp ta' taħriġ huwa t-tixrid tal-kultura fi żfin innovattiv. Matul il-kamp, kemm waqt sessjonijiet ta’ taħriġ u avvenimenti kulturali, huwa ippjanat li jimplimentaw taħriġ ta’ żfin innovattiv għaż-żgħażagħ mill-pajjiżi parteċipanti b’ ħarsa lejn għarfien ta’ dan maqsum mal-poplu tad-dinja. Iż-żgħażagħ ser jkollhom l-opportunità li jippreżentaw il-kapaċitajiet tagħhom, biex jaqsmu l-abbiltajiet tagħhom u biex jgħallmu kull arti oħra fiż-żfin. Mexxejja tal-gruppi taż-żfin ser ikunu qed jagħtu taħriġ flimkien maż-żgħażagħ fejn finalment ser jgħaddu dan l-għarfien lil gruppi oħr taż-żfin ġewwa l-Litwanja. Matul il-kamp edukattiv ser issir ħidma sħiħa biex tinħoloq żifna ġdida. Din ser tiġi ippreżentata fl-avveniment kulturali "Žolinė". Matul din iż-żjara ż-żgħażagħ ser ikollhom l-opportunità li jaraw avvenimenti sportivi internazzjonali, fosthom: *auto rally* "300 Lakes Rally". Huwa ferm importanti, li ż-żgħażagħ mill-pajjiżi msieħba jiffamiljarizzaw ruħhom mad-dokumenti kulturali ippreparati għall-iżvilupp tat-turiżmu u jesprimu proposti u suġġerimenti.

Dawn l-avvenimenti ippjanati u l-attivitajiet ser jgħinu sabiex jissaħħu fit-tul rabtiet ta’ ko-operazzjoni bejn l-ibliet sħab fin-*network* u jippromwovu approċċ innovattiv biex jgħaqdu n-nazzjonijiet.

***2InS Clusters – Programm li qed jithaddem taht il-programm MED***

Proġett MED 2InS Clusters: l-impenn tas-sħubija li jinvolvu 7 territorji Ewropej taż-żona tal-Mediterran għall-ħolqien ta’ l-Innovazzjoni tal-SMEs u Appoġġ t’ Internazzjonalizzazzjoni.

Il-Kumitat ta’ Tmexxija tal-proġett, li jissorvelja l-progress imwettaq fl-implimentazzjoni tal-proġett, li ltaqa' bejn l-20 u 21 ta’ Settembru 2011.

L-attività tas-sħubija lejn il-ħolqien ta’ *network* ta’ gruppi internazzjonali li jappoġġjaw l-intraprenditorija innovattiva sabiex tmur fuq fil-qafas tal-Proġett MED 2InS (2InS clusters - L-innovazzjoni tal-SMEs u l-Appoġġ Internazzjonalizzazzjoni - MED 2007-2013).

Il-Kumitat ta’ Tmexxija tal-proġett, iltaqa’ għat-tieni darba fl-Lavrio (il-Greċja). Dan kien organizzat mir-Reġjun ta' Attika u l-BIC ta' Attika, bl-iskeda impenjattiva ta’ xogħol. Il-komponenti għall-implimentazzjoni tal-Proġett ġew eżaminati, il-progress tal-fażijiet varji vverifikati u l-impenji aġġornati.

15-il rappreżentant imsieħba fil-proġett attendew il-laqgħa fosthom: Bic t’ Attika *(Lead Partner)*, Università ta' Patras, Reġjun t' Attika, Sophia Antipolis, il-Gżejjer Baleariċi Università ta’ FUEIB (Spanja), Muniċipalità ta’ l-Isla (Malta) kif ukoll mill-Italja Sviluppo Basilicata u l-Provincja ta’ Matera.

Sal-lum l-imsieħba temmew l-analiżi preliminari dwar it-territorji fil-mira bl-għan li jidentifikaw l-ostakoli kontra l-iżvilupp ta' l-innovazzjoni ta’ l-SMEs u l-internazzjonalizzazzjoni, b' enfasi partikolari fuq l-ekonomija kulturali u kreattivi, li huwa kkunsidrat bħala qasam prinċipali t' esperimentazzjoni għall-potenzjal soċjo-ekonomiku. L-analiżi tinvestiga mhux biss il-karatteristiċi soċjo-ekonomiċi tal-territorji, imma wkoll is-

sistemi reġjonali ta' trawwim ta' l-innovazzjoni u l-internazzjonalizzazzjoni, u jidentifikaw l-atturi sabiex jiffaċilitaw l-innovazzjoni u l-internazzjonalizzazzjoni f' kull reġjun.

Dawn l-analiżi jwasslu għat-twettiq ta' 2InS Clusters, maħsuba bħala għodod li jappoġġaw it-trasferiment t' għarfien u żvilupp t' intrapriżi. Dan il-proġett ser ikun stabbilit fi ħdan l-istrutturi tas-sħubija u ser ikun ibbażat fuq numru ta' regoli, sistemi u għodod komuni biex tippromwovi l-għarfien u kwalità omoġenji, orjentati lejn l-intraprenditorija kompetittiva. Ser ikun animat bil-hekk imsejħa *facilitators* u permezz ta' *network* internazzjonali t' esperti għall-ġbir, ipproċessar u l-allokazzjoni mill-ġdid t' għarfien, sabiex tiggarantixxi azzjoni armonizzata u ko-ordinata għall-ko-operazzjoni effettiva ta' gruppi territorjali u konsegwentament għall-sistemi lokali rispettivi.

Matul il-laqgħa, il-Kumitat approfonda l-aspetti kurrikulari tat-*2InS Facilitator*, li ser tkun mgħammra bl-għodod metodoloġiċi biex jappoġġjaw l-intraprenditorija innovattiva u internazzjonalizzati.

Kull sieħeb fil-proġett qed jikkopera għall-implimentazzjoni ta' dawn l-għodod b' mod differenti. Ir-realizzazzjoni ta' dawn l-għodod ġiet miftehma: Metodoloġija ta' Verifika għall-intrapriżi, Gwida għall-Ippjanar ta' Negozju razzjonali, Gwida dwar il-sorsi finanzjarji u l-mezzi disponibbli għall-SMEs, Studju dwar il-metodoloġija għall-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' żvilupp.

Il-proċess t' applikazzjoni pilota se jinvolvi, minbarra l-istrutturi imsieħba kollha, numru konsiderevoli t' atturi li jappartjenu għall-kategoriji kollha rilevanti, li jibdew mil-livell lokali u tax-xogħol u l-ko-operazzjoni fil-kuntest internazzjonali permezz tat-twettiq ta' sistema kompjuterizata, metodologiji u pjattaforma organizzattiva. Dan kollu għadu f' fażi ta' progress.

Il-Proġett 2InS Clusters għandu l-għan li jidentifika, jiżviluppa u jimplimenta (permezz ta' metodoloġija komuni transnazzjonali u azzjonijiet konġunti) appoġġ t' Innovazzjoni u Internazzjonalizzazzjoni billi jinvolvi partijiet lokali (impriżi, l-aġenziji għall-iżvilupp tal-għarfien u t-tixrid, organizzazzjonijiet u strutturi t' appoġġ għall-kultura intraprenditorjali, l-internazzjonalizzazzjoni u l-innovazzjoni, l-aġenziji governattivi, istituti għar-riċerka u t-taħriġ, Kmamar tal-Kummerċ, *Trade Unions*, esperti f'setturi identifikati matul l-implimentazzjoni tal-proġett, ditti tal-konsulenza).

Il-proġett ġie approvat mill-Kummissjoni Ewropea taħt il-Programm MED u qed jiġi implimentat, f'Malta, mill-Kunsill Lokali Isla.

Perjodu t' implimentazzjoni (3 snin: Lulju 2010 u Lulju 2013).

***<u>Applikazzjonijiet</u>***

***<u>Proposta Progett ERDF – Promozzjoni Turizmu Sostenibbli u Trasport</u>***

Gew sottomessi zewg applikazzjonijiet taht din il-*call* bil-ghan li jigu attirati aktar turisti fil-lokalita' kif ukoll li t-turist iqatta' aktar hin fil-lokalita u jkollu xi jzur.

1. Muzew jew Centru ta' restawr li jitratta d-dghajsa Maltija tal-Pass, fejn jigi offrut ukoll centru ta' taghlim. Gie propost post fil-parkegg tal-Macina fl-istores taht Triq 31

ta' Marzu, fejn f'parti mill-parkegg isir Tinda fejn jinzammu d-dghajjes anke biex isir xoghol fuqhom u b'hekk tevita li jitpoggew dghajjes fuq il-moll. Fl-istess centru jinzammu korsijiet minn persuna kompetenti fuq bazi *full-time* f'dan il-muzew/centru. Dan il-post ghandu jinkludi fih esebizzjoni, tahrig u restawr fis-sengha ta' dan ix-xoghol.

2. Muzew tal-Isla taht l-Arlogg tat-Tarzna – Forti San Mikiel.

Gew sottomessi applikazzjoni taht din il-*call* bil-ghan li nsostnu aktar uzu ta' trapsort alternattiv u tnaqqis ta' tniggiz fl-arja.

1. Fejn jidhol l-aspett ta' Trasport qed jigi propost Landing Places ghad-dghajsa tal-Pass, *charging stations (feeder pillars)* u tigi kreata sistema ta' accessibilita'.

## Skemi mneddija mill-Gvern Ċentrali għall-Kunsilli Lokali

### *Approvati*

**Skema Accessibilita'** – Il-proposta tal-Kunsill biex jinstalla *Lift* fil-bini tal-Kunsill sabiex is-Sala tal-Kunsill tkun accessibbli ghal kulhadd, giet approvata. Il-Kunsill ser jinghata s-somma ta' € 10,000 bhala ghajnuna finanzjarja taht l-iskema biex iwettaq dan il-progett. Il-Kunsill dalwaqt ser johrog is-sejha ghall-offerti tax-xogholijiet li ghandhom jitwettqu fl-2012.

**Skema *Energy Saving*** – Il-Kunsill ser jibbenefika minn € 7, 500 sabiex jigu installati pannelli fotovoltajici fi-Gnien il-Gardjola. Din is-sistema t' enerħija alternattiva ser jaghmilna aktar awto-sufficjenti. Is-sejha ghall-offerti għal dawn ix-xogholijiet ser tinhareg dalwaqt.

**Skema Libreriji Pubblici** – Taht din l-iskema l-Kunsill ibbenefika minn € 466 li ghandhom jintuzaw għal xiri ta' kotba godda u taghmir relattiv ieħor necessarju. Ghalhekk il-Kunsill xtara firxa gdida ta' kotba li jammontaw ghal € 355 flimkien ma' ghadd ta' *bean bags* li jammontaw għal € 111.

**Skema ghall-Rigenerazzjoni madwar l-Oqsma tal-Binjiet tal-Gvern** – Permezz ta 'din l-iskema mahruga mill-Awtorita' tad-Djar, il-Kunsill se jibbenefika minn € 75,000 biex iwettaq progett kapital fi Triq il-Migja Tal-Papa madwar Blokki tal-Awtorita' tad-Djar 7, 8, 9 u 10. Dan il-progett jinkludi *resurfacing* tat-toroq, bankini, *railings* u dawl gdid. L-offerta ghal dawn ix-xogħolijiet giet mahruga u evalwata. Bhalissa qed niddiskutu l-ahhar thejjijiet ma' l-Awtorità tad-Djar u diga' bdew id-diskussjonijiet mal-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma. Fil-gimghat li gejjin il-kuntrattur responsabbli ser ikun qieghed japplika ghall-permessi necessarji fi hdan Trasport Malta.

**Skema għall-Xogħolijiet fil-Partijiet Komuni tal-Binijiet tal-Gvern** – Taht din l-iskema, l-Kunsill se jibbenefika minn € 195,000 biex iwettaq xogħolijiet fil-Partijiet Komuni ta' 39 Binja tal-Gvern madwar l-Isla. L-ewwel fazi ta' dan il-progett saret bejn Ottubru u Dicembru 2011 fi Blokki A, B u C fi Triq it-Tarzna u Blokki 5 A u B 5 fi Triq is-Sur. Fl-2012 ser jitlestew 20 blokka ohra u 14-il blokka fl-2013.

**Skema *Public Private Partnership* (PPP)** – Fis-sena 2012 ser jitwettaq xogżol ta' *road resurfacing* fi Triq Kappillan Frangisk Azzopardi li se jikkonsisti minn-

- C20 konkrit 125 mm hxuna man-naha tal-bini inkluż finatura lixxa 150 sqm
- *Hot tarmac* b' hxuna ta' 50mm 257sqm

Dan il-progett jammonta ghal € 14,480.60 li ghalih se nibbenefikaw minn ghajnuna finanzjarja ta' € 12,000. L-Offerta giet evalwata u l-kuntrattur diga' applika ma' Trasport Malta sabiex jinhargu l-permessi mehtiega. Il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma ser twettaq xogholijiet fuq manijiet ta' l-ilma u l-konnessjonijiet tad-djar.

**Skema ghall-Attivitajiet Kulturali 2012** – Il-Kunsill issottometta l-applikazzjoni tiegżu sabiex ghar-raba' sena jorganizza avveniment kulturali intitolat Espressjonijiet Kulturali - Il-Festival Internazzjonali Marittimu Isla. Taht din l-iskema l-Kunsill ser jibbenefika minn € 8,000. Dan l-avveniment ser jinzamm fuq 3 t' ijiem bejn l-14 u s-16 ta' Settembru 2012.

## Skemi mneddija mill-Gvern Ċentrali għall-Kunsilli Lokali

### *Fi Stadju ta' Evalwazzjoni*

**Skema ghall-*Playing Fields*** – Il-Kunsill ressaq il-proposta tieghu biex itejjeb il-*playing field* li hemm fi Triq il-Habs l-Antik sabiex ikun konformi ma' l-istandards EN u li jkollna Zona sigura ghal dawk kollha li jaghmlu uzu mil-*playing field*. Hemm propost li jsir *upgrading* ta' diversi tghamir, *safety tiles* addizzjonali, l-kostruzzjoni ta' *impact area*, *fencing* igalvanizzat, grada *self locking* iggalvanizzata, xoghlijiet t' injam u xoghlijiet ta' zebgha. Ix-xoghol totali huwa stmat li jammonta ghal € 12,703.15

**Skema ta' Progetti Specjali ghal Lokalitajiet Zghar** – Il-Kunsill ressaq il-proposta tieghu sabiex isir xoghol ta' restawr fuq l-istatwi ta' San Pietru u San Pawl fi Triq il-Vitorja kantuniera ma' Triq San Pietru u San Pawl. Ix-xoghol stmat taht din il-proposta hu ta' € 12,660.

**Skema ghall-Progetti Specjali** – Il-Kunsill issotometta applikazzjoni ghal Facilitajiet Sanitarji fi Gnien il-Gardjola sabiex ikunu accessibbli ghal kulhadd. Il-proposta ta' € 22,966.50 tkopri ghall-bini mill-gdid tal-facilitajiet ezistenti.L-access ser ikun minn barra l-Gnien u ghalhekk ser ikun facilment accessibbli ghal kulhadd. It-tarag ezistenti se jigi eliminat biex jipprovdi aċċess facli minn Triq is-Sur. Il-Kunsill diga' ghandu l-permessi tal-MEPA mehtiega u l-approvazzjoni tal-KNPD .

## Sotto Kumitat Gemellaggi, Progetti EU u Releazzjonijiet Internazzjonali

Il-hidma ta' dan is-sotto kumitat matul din il-legislatura ffukat fuq l-iskop ewlieni li nharsu fuq numru ta' objettivi u titfassal vizzjoni *long term*, sabiex nilhqu l-ghan taghna fejn jidhlu hidma mas-siehba gemellatti kif ukoll fejn jidhlu progetti EU u relazzjonijiet Internazzjonali. Permezz ta' programmi ffinanzjati mill-EU hemm numru ta' opportunitajiet li wiehed jista jibbenfika minnhom u fuq hiex wiehed jista jfassal u jippanja x'nistghu nwettqu ghal gid tal-lokalita'.

Fejn jidhol l-aspett kulturali, wasal iz-zmien li nharsu lejn dimenssjoni internazzjonali b'diversita' kulturali. Hemm bzonn l-involviment f'dan il-qasam tal-assocjazzjoni ta' residenti barranin fl-Isla ghax dawn jistghu jaghtu kontribut siewi mhux ftit.

Saru proposti li jitfassal pjan fuq involviment ta' tfal u zghazagh fuq bazi edukattiva bi programm kull tlett xhur. Dawn ghandhom jiffukaw fuq Temi Bazici fosthom manjieri, storja, hargiet edukattivi u kulturali fejn jigu organizatti sensiela ta' sessjonijiet ta' informazzjoni ghat-tfal u zghazagh ibbazati fuq temi edukattivi - *Back to Basics* b'temi tal-etika, ambjent, kultura f'livell primarju u sekkondarju.

F'dan l-aspett ghandha wkoll ninvolvu lit-tfal u zghazagh permezz tal-Ghaqdiet fil-lokali.

Ix-xoghol li jsir f'dan il-pjan insiebuh ta' ghajnuna kbira fil-futur meta nibdew inwettqu programmi ewropej ma' siehba barranin.
B'dan il-process inkunu qed nintegraw lill-genituri ma' uliedhom.

Aspett iehor hu l-Wirt Storiku li ghandhal-Isla. Ghandna bini b'arkitetura rikka. Dan huwa qasam importanti ghall-edukazzjoni tal-generazzjoni Sengleana. Wasal iz-zmien li nibdew neddukaw lit-tfal taghna b'dan qabel ikun tard wisq. Gie ssugeritt li l-Kunsill flimken mal-Iskola u l-Entitajiet f'dan il-qasam jorganizzaw numru ta' Kampanji Edukattivi. Ghandhom jinholqu sessjonijiet ta' informazjoni u attivitajiet kongunti, li jwasslu ghall-edukazzjoni, gharfien u protezzjoni kif ukoll jigu nvoluti Skejjel, Gvern, MEPA, Organizzazjonijiet Lokali u l-Komunita.

Saru diskussjonijiet fuq Progett Turistici fosthom Audiovisuals, Heritage Trail, Esplorazzjoni ta' Xelters. Dawn huma ta' beneficcju kbir u wkoll sors ta' dhul.

Permezz tal-hidma ta' dan is-sotto kumitat illum il-Kunsill issieheb f'zewg Assocjazzjonijiet importanti – European Association of Historic Towns and Regions u Walled Town Friendship Circle. Dawn jiffukaw fuq hidma ta' Urban Regeeration u Harsien ta' Ibliet imdawra bis-Swar. Permezz tal-involviment taghna f'dawn l-Assocjazzjonijiet wiehed jista jissieheb f'progetti kapitali ghall-fondi ewropej kif ukoll ikun partecipu f'sessjonijiet ta' informazzjoni, konferenzi u biex jigbor gharfien fuq zewG materji li huma ferm importanti ghall-lokalita' taghna.

## Xelters

Il-Kunsill baqa' jahdem is-shih biex il-potenzjal li joffru x-xelters li hawn fl-Isla jibdew jaghtu l-frott mehtieg. Ghal dan il-ghan saru diversi laqghat mas-Segrearju Parlamentari l-Onor. Jason Azzopardi u mad-Dipartiment tal-Artijiet sabiex ix-xelters jigu devoluti lill-Kunsill. B'hekk inkunu nistghu nfasslu pjan ghall-progetti futuri ake bl-involviment tal-privat fejn dawn iwasslu ghal aktar turizmu sostenibbli.

Intant saret applikazzjoni ghal Gardenship Deed ta' dawn ix-xelters. Id-Dipartiment tal-Artijiet qed jitlob *survey* tax-xelters qabel isir dan il-process. Minhabba limitazzjonijiet finanzjarji, il-Kunsill mhux f'pozizzjoni li jaghmel dan is-*survey.* Madanakollu permezz tal-Perit tal-Kunsill qed nahdmu biex tingieb kemm jista' ikun informazzjoni minn Santu Spirtu. Permezz ta' din id-dokumentazzjoni jkunu nistghu nkomplu t-tahditiet mad-Dipartiment tal-Artijiet.

## UIF (Urban Improvement Fund)

Ghas-sena 2011, il-Kunsill ibbenefika minn allokazzjoni finanzjarja taht l-Urban Improvement Fund (UIF) mahruga mill-MEPA. Taht din l-iskema kellna nipprezentaw proposti li jaqghu taht dawn il-kategoriji -

- Gonna pubblici
- Zoni ta' rikreazzjoni
- Zoni ta' tisbieh
- *Playing fields*
- Dawl *Energy Saving* fit-toroq u postijiet pubblici
- Zona pedestrijana

- Thawwil ta' sigar f' postijiet urbani
- Restorazzjoni ta' strutturi urbani pubblici

Wara diversi diskussjonijiet waqt laqghat tal-Kunsill, ipprezentajna zewg proposti ghal progetti li ghandhom jitwettqu taht l-iskema tal-UIF fl-Isla.

*Deskrizzjoni tal-Progetti Proposti -*

1. Installazzjoni ta' *play equipment* addizjonali ma' l-area tal-Futbol Grawnd ezistenti f' Dawret ix-Xatt, Isla. Il-proposta tinkludi - provvista u installazzjoni ta' *Skate Board Ramp*, *Goal Post* u *Net* u *Basketball Board Ring* u *Net*.
2. Dawl fis-Sigar u l-Funtana ta' l-Ilma fi Gnien il-Gardjola. Il-proposta tinkludi - *Weather proof light fittings* kompleti b' lampi *energy saving* sabiex jinxtghelu s-sigar u provvista t' armar ta' dawl sabiex jigu installati fil-parti ta' gewwa tal-funtana li tenfasizza fuq il-hitan tal-kanuni kif ukoll installazjoni ta' provvista ta' dawl fil-parti t' isfel tal-funtana u dawl ipprogettat fuq l-ilma li hiereg mil-kanuni.

Ghalkemm id-DNO ghall-proposta Nru. 1 giet approvata mill-MEPA, il-kumitat ta' l-UIF ghadu qed jevalwa l-applikazzjoni taghna.

Bi pjacir inhabbrulkom li l-progett propost Nru. 2 gie approvat mill-kumitat tal-UIF u gie iffirmat il-ftehim fid-29 ta' Novembru 2011, fejn il-MEPA qed tiffinanzja dan il-progett b' €4, 319.98. Ghalhekk saret sejha ghall-offerti sabiex dan ix-xogżol jinbeda lejn l-ahhar ta' Jannar 2012.

## Konkluzzjoni

Ir-raba' sena ta' ħidma ta' din is-sitt leġislatura kienet waħda impenjattiva u li tat sodisfazzjon tax-xogħol li twettaq. Minkejja l-problemi u r-restrizzjonijiet finanzjarji u amministrattivi, il-Kunsill iħoss li mexxa bl-aħjar mod biex wettaq il-ħidma tiegħu mill-aktar mod effettiva u effiċjenti. Issa jmiss li nħarsu l-quddiem għas-snin li ġejjin ħalli nkomplu ntejbu fuq dak li bdejna.

Grazzi mill-qalb li dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw sehemhom biex kellna sena oħra ta' ħidma għall-ġid tal-lokalita'.

**Joseph Casha**
**Sindku**

**Arthur Perici**
**Segretarju Eżekuttiv**